

Brussell, 9 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14165/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0294 (NLE)

ECOFIN 1113
FIN 1160
UEM 306

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Latvja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 - Adozzjoni

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19¹ (minn hawn 'il quddiem - ir-"Regolament SURE") jistabbilixxi l-qafas li jippermetti lill-Unjoni tipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri li qed jesperjenzaw, jew huma mhedda serjament minn, tfixkil ekonomiku serju, ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19 għall-finanzjament, primarjament, ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jipproteġu l-impjegati u lil dawk li jaħdmu għal rashom u, bħala element anċillari, xi miżuri relatati mas-saħħa.
2. F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament SURE, l-assistenza finanzjarja għandha ssir disponibbli permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill adottata abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

¹ ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1–7

3. Appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE ngħata lil-Latvja bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1351 fil-25 ta' Settembru 2020². Appoġġ addizzjonali SURE ġie allokat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/677 tat-23 ta' April 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351³.
4. Wara t-talba tal-Latvja tas-6 ta' Ottubru 2022 għal assistenza finanzjarja addizzjonali skont ir-Regolament SURE, fil-21 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni UE 2020/1343 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE lir-Repubblika tal-Latvja (ST 13940/22).
5. Il-proposta msemmija hawn fuq ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji fil-25 ta' Ottubru 2022.
6. Il-ħidma preparatorja teknika issa tista' titqies kompluta, u l-abbozz ta' test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill emendata jista' jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-adozzjoni formali.
7. Għandu jiġi nnotat li f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE u mal-Artikolu 18(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, din id-deċiżjoni tal-Kunsill, ladarba tiġi adottata, għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru li lilu hija indirizzata mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.
8. Skont l-Artikolu 122(2) TFUE, il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat mill-President tal-Kunsill dwar din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

² ĠU L 314, 29.9.2020, p. 10–12

³ ĠU L 144, 27.4.2021, p. 7-11

9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Latvja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, kif jinsab fid-dokument ST 13941/22, u
- jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.
